MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2013

Numru 70/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Joseph Camilleri bin Emanuel u Sylvia nee' Grech, imwieled fl-10 ta' Ottubru 1964 u residenti Flat 1, Felce, Triq San Xmun, Xlendi l/o Munxar, Ghawdex detentur tal-karta ta'l-identita' 39364(G)**

**U**

**Anthony Spiteri bin Emanuel u Theresa nee' Grima, imwieled fit-13 ta' Marzu 1964 u residenti Sacred Heart, Triq tal-Mulejja, Fontana, Ghawdex detentur tal-karta ta'l-identita' 11064(G)**

**U**

**Sylvia Camilleri bint Calcidonio Grech u Bernarda nee' Sultana imwielda fis-07 ta' Awwissu 1946 u residenti Flat 4, Felce, Triq San Xmun, Xlendi l/o Munxar, Ghawdex detentrici tal-karta ta'l-identita' 64646(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputati Joseph Camilleri, Anthony Spiteri u Sylvia Camilleri akkuzati talli f'Ghawdex b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zmienijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda qabel it-13 ta' Lulju 2005, Joseph Camilleri u Anthony Spiteri bhala sidien u operaturi tal-fond "Ic-Cima Restaurant", Triq San Xmun, Xlendi, Ghawdex u Silvia Camilleri bhala konsumatur registrat, b'mezzi qarrieqa li bihom seta kellhom l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' dan il-kurrent elettriku jew li bihom setghu iwaqqfu jew ibiddlu il-kejl jew marker, ikkomettew serq ta' kurrent elettriku ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta.

Akkuzat ukoll talli ghamel hsara fuq l-istess meter tad-dawl ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta liema hsara tammonta ghal zewg liri maltin (Lm2).

Semghet il-provi,

Rat id-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti ta' dana il-kaz huma s-segwenti. Illi l-imputati Joseph Camilleri u Anthony Spiteri jiggestixxu ir-*restaurant* bl-isem "Ic-Cima" gewwa ix-Xlendi. Sylvia Camilleri ma ghandha xejn x'taqsam mal-gestjoni ta' dana il-fond izda hija l-persuna indikata bhala *registered consumer* fuq il-meter tad-dawl li hemm installat fir-*restaurant*. Illi rappresentanti tal-Enemalta Coporation ghamlu *surprise inspection* f'dana ir-*restaurant* fit-13 ta'

Lulju 2005 fejn hemmhekk sabu is-sigilli l-blu tal-*base cover* tal-meter tad-dawl imbghabsin. Ghalhekk peress illi kien hemm suspett illi kien qed isehh serq tal-kurrent elettriku, il-pulizija gew infurmati bil-kaz u saret inkjesta magisterjali.

Illi l-espert nominat mil-Magistrat Inkwirenti, fl-atti tal-inkjesta, Dr. Kevin Mompalao, li kkonferma r-rapport tieghu f'dawn il-proceduri ighid illi minn ezami tal-meter in kwistjoni, li huwa wiehed tat-*three phase* tal-marka Iskra bin-numru 15467905, rrizulta illi l-irregolarita principali f'dana il-kaz kienet tikkonsisti fi tbghabis tas-sigilli l-blue tal-*base cover* bin-numri 098056 u 098408. Ighid illi mill-kostatazzjonijiet illi ghamel osserva illi dawn is-sigilli kelhom ghefiesi u qris fuq ir-ras taghhom, li sahansitra parti minnu kien imqatta'. Barra minn hekk il-hanek l-anqas kien imdahhal sa isfel u parti minnu kien ghadu 'il barra hafna. Fl-opinjoni tieghu l-espert ighid is-segwenti:

"Dan it-tibwieq u dawn l-ghefiesi ta' lewn aktar bajdani ma huma xejn regolari u ifissru illi s-sigill gie sottomess ghal pressjoni biex jinfetah. Normalment l-mod kif jinfethu dawn is-sigilli huwa billi jigu sottoposti ghal shana (bhal hairdryer) u meta l-plastic jerhi jinqarsu anke manwalment u jinfethu. Wara s-sigill jerga jinghalaq b'mod normali, pero' l-parti msahhna qatt ma terga' tigi lura kif kienet mija fil-mija, u jew tibqa' imbewqa, jew jibqa immarkat il-qris fuqha. Jiddependi mbaghad kemm ikun professjonali min jiftah is-sigilli b'dan il-mod, hemm kazi fejn dawn l-ghefiesi u tibwieq ikunu cari jew anke grossolani, u kazi ohra fejn l-irregolarita' tkun mohbija hafna tant illi jista' jkollok dubbji fuqha. Pero' xi sinjal zghir kemm u zghir ikun hemm dejjem.

Fil-kaz in ezami is-sinjali li dawk iz-zewgt sigilli blu infethu, b'dan il-mod jew b'mod iehor simili kienu cari jekk mhux grossolani. Il-hanek tas-sigill l-anqas kien imdahhal kif suppost, li juri illi s-sigill tant gie sottomess ghal pressjoni li gie deformat, b'mod illi l-hanek ma setax jidhol kif suppost."

L-espert ghalhekk jikkonkludi illi b'dawn is-sigilli miftuhin, il-*base cover* tal-meter setghet tinfetah facilment. Ikompli ighid illi ghalhekk bil-*base cover* miftuh seta' jinsteraq il-kurrent elettriku u jaghti zewg modi kif dan seta' sehh:
1. billi jew isir *by pass* ta' xi wiehed mill-*phases*, fejn jinsteraq *average* ta' 33% minn kull *phase,* jew *by pass* tal-*phases* kollha fejn addirittura l-meter ma jimamrka xejn.
2. billi jinfethu jew jinhallu x-*shunts* ta' xi wiehed mill-*phases* jew il-*phases* kollha bl-istess konsegwenza.

Jikkonkludi izda illi fuq il-post ma sab l-ebda prova illi materjalment sehh xi wahda jew iktar mill-opzjonijiet minnu elenkati ta' kif seta' insteraq id-dawl u ghalhekk ighid illi l-fatturi misjuba minnu fuq il-meter huma biss indikattivi ta' serq ta' kurrent elettriku.

Illi apparti ghalhekk ghal dawn il-fatturi indikattivi, l-prosekuzzjoni ma tressaq l-ebda prova ohra li tista' twassal lil din il-Qorti ghal konkluzjoni lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi effetivament sehh dana is-serq. Illi Alan Chetcuti, rappresentant tal-Enemalta isostni illi l-konsum tad-dawl zdied konsiderevolment minn wara li inbidel il-meter tad-dawl. Fil-fatt huwa ighid illi l-konsum kwazi irdoppja. L-imputati Anthony Spiteri u Joseph Camilleri jaghtu spjegazzjoni plawsibbli kif dana seta' sehh. Huma ighidu illi minn April 2005 beda ix-xoghol ghat-tkabbir tar-*restaurant*, tant illi huma fethu sular iehor fuq biex b'hekk ir-*restaurant* irdoppja fid-daqs. Minhabba f'hekk, huma kellhom jakkwistaw appart tal-elettriku gdid ghas-sular mizjud u ghalhekk il-konsum beda jizdied. Illi l-Inginier Mario Galea inkarigat mill-imputati sabiex jahmel kalkolu taz-zieda fil-konsum tad-dawl jindika fix-xhieda tieghu illi l-konsum tad-dawl fil-fatt beda jizdied minn April 2005 u ghalhekk tlett xhur qabel ma saret l-ispezzjoni. Izid ighid illi l-iktar zieda qawwija li kien hemm fil-konsum, sehh bejn April 2005 u Lulju 2005 u cioe' fiz-zmien ezatt qabel ma saret dina l-ispezzjoni. Il-konsum imbaghad baqa' kwazi regolari sa Dicembru 2005 fejn minn din id-data sa Gunju 2006, imbaghad kien hemm tnaqqis konsiderevoli. Ighid ghalhekk illi l-konsum tad-dawl jirrifletti iz-zieda fil-konsum li sar mill-operaturi tac-Cima

Restaurant meta sehh it-tkabbir u cioe' meta zdied sular iehor fuq. Dana sehh qabel il-perijodu meta saret l-ispezzjoni.

Illi ghaldaqstant fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk effettivament il-meter de quo kienx imbaghbas o meno, il-korp tal-provi tal-prosekuzzjoni jikkonsisti principalment jekk mhux unikament mir-rizultanzi tal-inkjesta. Illi ghalkemm fir-rapport tieghu l-espert Dr. Kevin Mompalao jghid illi kien hemm l-irregolaritajiet indikati iktar 'il fuq, madanakollu huwa ma setax jikkonkludi jekk verament kienx hemm serq tad-dawl u jindika diversi supposizzjonijiet ta' kif fil-fatt stabbilit illi l-*cover* tal-meter kien jinqala' facilment wara li gew imbaghbas is-sigilli l-blu tal-*base cover*, l-imputati jew xi hadd minnhom seta' ikkometta s-serq in kwistjoni. Ma ingiebet l-ebda prova ohra li tindika illi dana verament sehh b'xi wiehed jew aktar mill-modi li jsemmi l-espert fir-rapport tieghu.

Fl-artikolu 264(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad testwalment:

" Fil-kaz ta' ksur ta' kanni tas-servizz pubbliku ta' l-ilma jew tas-servizz tal-gass, jew tal-fili jew gumi fis-servizz pubbliku, il-fatt li jkun hemm mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista' jkollu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' dan l-ilma, gass jew kurrent ta' l-elettriku, jew li bihom jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew marker fil-meter tal-kwantita mehudha jew kunsmata jitqies sakemm ma jigix pruvat il-kuntrarju, bhala prova illi d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha il-fond fejn ikunu jinsabu l-mezzi qarrieqa, jaf jew taf b'dan l-uzu jew konsum ta' ilma, gass jew kurrent elettriku skond ma jkun il-kaz."

Illi dina hija presunzjoni li giet deskritta f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali f'sentenza moghtija fis-16 ta' Lulju 1990 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Raymond Abela, bhala "**presunzjoni feroci**" u kompliet tghid: "**La l-presunzjoni hija daqstant feroci l-Qorti tifhem li biex tapplikaha il-mezzi qarrieqa jridu jirrizultaw konkluzivament u mhux semplicement b'mod illi joholqu suspett … il-mezzi qarrieqa jridu jkunu jistghu**

**jwasslu ghal dak l-effett li bihom jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew il-markar**." Issa l-fatt illi l-cover tal-meter tad-dawl seta' jinqala' facilment minhabba il-fatt illi is-sigilli l-blu kienu imbaghbsa ma jwassalx necessarjament ghal konkluzjoni illi kien hemm serq tal-kurrent tal-elettriku. Jista' jkun hemm suspett illi dana seta' sehh minhabba l-fatti indikati mill-espert, izda minn imkien mill-provi ma jirrizulta illi verament dana kien il-kaz. Illi l-imputati minn naha taghhom gabu provi sal-grad rikjest fil-kamp penali ghad-difiza illi sal-grad tal-probabbli jaghmlu sens u cioe' illi z-zieda fil-konsum bdiet tinhass fiz-zmien qabel ma inbidel il-meter tad-dawl u li f'dana il-perijodu taz-zmien huma effettwaw tkabbir fin-negozju taghhom tant illi anke akkwistaw ammont mhux hazin ta' apparat tal-elettriku kif jindikaw id-dokumenti u cioe' ricevuti esebieti a fols.128 sa 130 tal-process.

Illi kif ikkonkludiet il-Qorti fis-sentenza hawn fuq iccitata "**din il-Qorti qatt ma wasslet biex tikkundanna lil xi hadd semplicement fuq suspett**." Illi ghalkemm jista' ikun hemm suspett f'dana l-kaz, madanakollu dina l-Qorti ma tistax tasal ghal konkluzjoni lil hinn minn dubbju dettat mir-raguni illi fil-fatt l-imputati jew xi hadd minnhom huma hatja tal-akkuzi migjuba kontriehom.

Illi finalment, fir-rigward ta'l-akkuza dwar il-hsara volontarja fuq il-meter tad-dawl, il-Qorti tosserva illi ghalkemm mill-att tac-citazzjoni jirrizulta illi huma tlieta minn nies li qed jigu akkuzati, madanakollu minn qari ta' dina l-akkuza jirrizulta illi din saret fil-persuna maskili u fis-singular u kwindi dina l-Qorti ma tistax tifhem lejn min mill-akkuzati hija diretta dina l-imputazzjoni u kwindi l-imputati ser jigu illiberati minnha.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tillibera lill-imputati mill-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom fuq nuqqas ta' provi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------